SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

19 ta' Diċembru 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 4(1) – Dritt ta' distribuzzjoni – Kontrafazzjoni – Merkanzija b'disinn protett mid-drittijiet tal-awtur intiża għall-bejgħ – Ħżin għal finijiet kummerċjali – Maħżen separat mill-post tal-bejgħ"

Fil-Kawża C-572/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Settembru 2017, fil-proċeduri kriminali kontra

**Imran Syed,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tas-Seba' Awla, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, K. Jürimäe (Relatur), C. Lycourgos, E. Juhász u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għar-Riksåklagaren, minn M. Hedström u K. Skarp, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Samnadda u K. Simonsson, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija mir-riksåklagaren (l-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Renju, l-Isvezja) kontra Imran Syed għall-kontrafazzjoni ta' trade marks u għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur f'xogħlijiet letterarji u artistiċi.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt internazzjonali*

3 L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) adottat f'Genève, fl-20 ta' Diċembru 1996, it-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur (iktar 'il quddiem it-"TDA"), li ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208), u daħal fis-seħħ, għal dak li jikkonċerna l-Unjoni Ewropea, fl-14 ta' Marzu 2010 (ĠU 2010, L 32, p. 1).

4 L-Artikolu 6 tat-TDA, intitolat "Dritt ta' distribuzzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Awturi ta' xogħlijiet letterarji u artistiċi għandhom igawdu d-dritt esklużiv fuq l-awtorizzazzjoni li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku x-xogħol oriġinali tagħhom jew kopji ta' dan ix-xogħol permezz ta' bejgħ jew trasferiment ieħor tal-proprjetà."

### *Id-dritt tal-Unjoni*

5 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Dritt ta' Distribuzzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi, rigward l-oriġinal tax-xogħolijiet tagħhom jew tal-kopji tagħhom, id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku b'bejgħ jew mod ieħor."

### *Id-dritt Svediż*

6 Il-lag (1960:729) om upphovsrätt till litterära och konstnärliga verk (il-Liġi (1960:729) dwar id-Drittijiet tal-Awtur f'Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi, iktar 'il quddiem il-"Liġi (1960:729)") tittrasponi d-Direttiva 2001/29 fid-dritt Svediż.

7 L-Artikoli 53 ta' din il-liġi jipprevedi li:

"Kull persuna li, intenzjonalment jew b'negliġenza serja, tadotta miżuri li jirrigwardaw xogħol letterarju jew artistiku, u li jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-awtur li persuna jkollha fuq ix-xogħol skont il-Kapitolu 1 jew il-Kapitolu 2 tal-imsemmija liġi jew ksur ta' dispożizzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 41 jew fl-Artikolu 50, tiġi kkundannata għal multa jew għal piena ta' priġunerija sa sentejn."

8 Skont l-Artikolu 2 tal-imsemmija liġi, jista' jikkostitwixxi tali miżura, b'mod partikolari, il-fatt li jiġi sfruttat ix-xogħol billi jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur. Il-punt 4 tat-tielet subparagrafu ta' dan l-artikolu jispeċifika li x-xogħol jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod partikolari meta kopji tiegħu jiġu offruti għall-bejgħ, kiri jew self jew jitqassmu lill-pubbliku bi kwalunkwe mezz ieħor.

9 Din il-liġi ma tipprojbixxix espressament il-ħżin ta' merkanzija protetta għall-finijiet tal-bejgħ tagħha.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 I. Syed kellu negozju bl-imnut fi Stokkolma (l-Isvezja), fejn kien ibigħ ħwejjeġ u aċċessorji li fuqhom kienu twaħħlu disinni relatati mal-mużika rock. Minbarra l-oġġetti għall-bejgħ f'dan il-ħanut, I. Syed kien jaħżen tali merkanzija f'maħżen konness miegħu kif ukoll f'maħżen ieħor li jinsab f'Bandhagen (l-Isvezja), subborg tal-komun ta' Stokkolma. Huwa paċifiku li l-ħanut ta' I Syed kien regolarment fornut b'merkanzija minn dawn l-imħażen.

11 Ġie kkonstatat li l-bejgħ tal-parti l-kbira ta' din il-merkanzija kien jikser it-trademarks u d-drittijiet tal-awtur. Infetħu proċeduri kriminali kontra I. Syed għall-kontrafazzjoni ta' trade marks u għall-ksur tal-Liġi (1960:729) quddiem it-tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, l-Isvezja). Skont l-åklagaren (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, l-Isvezja), I. Syed kiser id-drittijiet tal-awtur tal-lanjanti billi qiegħed illegalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ħwejjeġ u bnadar li fuqhom twaħħlu disinni protetti minn dawn id-drittijiet tal-awtur. Għaldaqstant, huwa qies li l-merkanzija kollha b'tali disinni li kienet tinsab fil-ħanut u fl-imħażen kienet ġiet offruta għall-bejgħ jew iddistribwita lill-pubbliku u, għaldaqstant, li tali atti kienu jikkostitwixxu ksur tal-Liġi (1960:729).

12 It-tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) ikkundannat lil I. Syed għall-kontrafazzjoni ta' trade marks fir-rigward tal-merkanzija kollha misjuba. Din il-qorti kkundannatu ukoll għall-ksur tal-Liġi (1960:729) għall-merkanzija b'disinn protett minn drittijiet tal-awtur li kienet tinsab fil-ħanut li kellu, kif ukoll għall-merkanzija maħżuna fiż-żewġ imħażen inkwistjoni, sa fejn din kienet identika għal dik li kienet offruta għall-bejgħ f'dan il-ħanut. It-tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) qieset, sabiex tikkundanna wkoll lil I. Syed għal din il-merkanzija tal-aħħar, li l-kunċett ta' "offerta għall-bejgħ" ta' merkanzija li tikser id-drittijiet tal-awtur tal-lanjanti ma kienx japplika biss għall-merkanzija li, f'mument partikolari, kienet tinsab fil-ħanut ta' I. Syed, iżda kien jikkonċerna wkoll il-merkanzija identika maħżuna fl-imħażen. Min-naħa l-oħra, din il-qorti ddeċidiet li l-merkanzija l-oħra maħżuna f'dawn l-imħażen ma setgħetx titqies li kienet ġiet offruta għall-bejgħ. Għal dawn ir-reati kollha, it-tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) ikkundanna lil I. Syed għal piena li ċċaħħad il-libertà b'sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal multa ekwivalenti għal 80 jum.

13 Fl-appell, is-Svea hovrätt, Patent- och marknadsöverdomstolen (il-Qorti tal-Appell sedenti fi Stokkolma bħala Qorti Speċjalizzata fil-Qasam tal-Privattivi u tal-Kummerċ, l-Isvezja) qieset li I. Syed kien wettaq ksur tal-Liġi (1960:729) biss fir-rigward tal-merkanzija li kienet tinsab fil-ħanut tiegħu, bl-esklużjoni tal-merkanzija maħżuna fl-imħażen. Din il-qorti qieset li I. Syed kien ħażen il-merkanzija bil-għan li jbigħha. Madankollu, ma jistax jitqies li din il-merkanzija kienet ġiet offruta għall-bejgħ jew iddistribwita lill-pubbliku. Bl-istess mod, l-immaniġġjar ta' merkanzija fl-imħażen ma kienx jikkostitwixxi, skont il-qorti tal-appell, tentattiv jew preparazzjoni ta' ksur tal-Liġi (1960:729). Il-piena imposta fuq I. Syed tnaqqset, sa fejn dan tal-aħħar ġie kkundannat għal piena li ċċaħħad il-libertà b'sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal multa ekwivalenti għal 60 jum.

14 Quddiem il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja), li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, ir-Riksåklagaren (l-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Renju) talab il-kundanna ta' I. Syed għall-istess merkanzija li kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni mit-tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) sabiex tikkaratterizza l-ksur tal-Liġi (1960:729). Huwa talab ukoll lill-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema) tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29.

15 Quddiem il-qorti tar-rinviju, I. Syed sostna li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kien jirriżulta li, sabiex l-offerta għall-bejgħ tippreġudika d-dritt ta' distribuzzjoni ta' detentur tad-drittijiet tal-awtur, huwa meħtieġ aġir attiv immirat lejn il-pubbliku, bil-għan li kull oġġett konkret jinbiegħ. Ix-xiri u l-ħżin ta' merkanzija ma jistgħux jitqiesu bħala tali aġir attiv. Interpretazzjoni kuntrarja twessa' l-kamp ta' responsabbiltà kriminali bi ksur tal-prinċipju ta' legalità.

16 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li la l-Liġi (1960: 729) u lanqas id-Direttiva 2001/29 ma jipprojbixxu b'mod espliċitu l-ħżin ta' merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett mid-drittijiet tal-awtur sabiex tiġi offruta għall-bejgħ. Hija żżid li mis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca (C-516/13, EU:C:2015:315) jirriżulta li l-ksur tad-dritt ta' distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29 jista' jkun ikkostitwit minn miżuri jew atti li jippreċedu l-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ. Madankollu, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett u li hija maħżuna, minn persuna, f'imħażen tistax titqies bħala offruta għall-bejgħ meta dik il-persuna toffri għall-bejgħ merkanzija identika f'negozju bl-imnut li hija jkollha.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Meta merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett hija illegalment offruta għall-bejgħ f'ħanut, jista' jeżisti wkoll ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tal-awtur previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29 f'dak li jikkonċerna merkanzija li fuqha jidhru disinni identiċi, li tinżamm maħżuna mill-persuna li toffri l-merkanzija għall-bejgħ?

2) Huwa rilevanti jekk il-merkanzija tinżammx maħżuna f'post li huwa konness mal-ħanut jew f'post ieħor?"

## Fuq id-domandi preliminari

18 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ħżin, minn negozjant, ta' merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett mid-drittijiet tal-awtur fit-territorju tal-Istat Membru ta' ħżin jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta dan in-negozjant joffri għall-bejgħ, f'ħanut mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tal-imsemmija drittijiet tal-awtur, merkanzija identika għal dik li huwa jaħżen mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dan id-detentur. Il-qorti tar-rinviju titlob ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, id-distanza bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-bejgħ.

19 Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, b'bejgħ jew mod ieħor, tal-oriġinal tax-xogħlijiet tagħhom jew tal-kopji tagħhom.

20 Għandu jitfakkar li, peress li d-Direttiva 2001/29 hija intiża li timplimenta fl-Unjoni l-obbligi tal-Unjoni skont, b'mod partikolari, it-TDA, u li t-testi tad-dritt tal-Unjoni għandhom, skont il-ġurisprudenza stabbilita, jiġu interpretati, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari meta tali testi huma intiżi preċiżament sabiex jimplimentaw ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni, il-kunċett ta' "distribuzzjoni" li hemm fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat konformement mal-Artikolu 6(1) tat-TDA (sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 23 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 Il-kunċett ta' "distribuzzjoni lill-pubbliku b'bejgħ", li jinsab fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, għandu għalhekk l-istess tifsira bħall-espressjoni "jagħmlu disponibbli għall-pubbliku [...] permezz ta' bejgħ" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tat-TDA (sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 24 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

22 Meta ħadet inkunsiderazzjoni dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-distribuzzjoni lill-pubbliku hija karatterizzata minn sensiela ta' operazzjonijiet li jvarjaw, għall-inqas, mill-konklużjoni tal-kuntratt ta' bejgħ sal-eżekuzzjoni tal-istess bil-kunsinna lil membru tal-pubbliku. Kummerċjant huwa, għaldaqstant, responsabbli għall-operazzjonijiet kollha mwettqa minnu stess jew f'ismu li

jwasslu għal distribuzzjoni lill-pubbliku fi Stat Membru fejn ix-xogħol imqassam huwa protett mid-drittijiet tal-awtur (sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 25 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

23 Minn din il-ġurisprudenza, inklużi mill-kliem "għall-inqas" użati mill-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li ma huwiex eskluż li operazzjonijiet jew atti li jippreċedu l-konklużjoni tal-kuntratt ta' bejgħ jistgħu wkoll jaqgħu taħt il-kunċett ta' "distribuzzjoni" u jkunu rriżervati, fuq bażi esklużiva, għad-detenturi ta' drittijiet tal-awtur (sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 26).

24 F'dan ir-rigward, għalkemm għandu jitqies li jkun hemm distribuzzjoni lill-pubbliku fil-każ ta' konklużjoni ta' kuntratt ta' bejgħ u ta' spedizzjoni, dan japplika wkoll fil-każ ta' offerta ta' kuntratt ta' bejgħ li jorbot lill-awtur tagħha, sa fejn tali offerta tikkostitwixxi, min-natura tagħha stess, att li jsir qabel it-twettiq ta' bejgħ (sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 27).

25 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, essenzjalment, li tali operazzjoni setgħet tikkostitwixxi ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni, previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29, anki jekk, wara din l-operazzjoni, ma jkunx hemm trasferiment tas-sjieda lil xerrej tax-xogħol protett jew tal-kopja tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 32).

26 Għaldaqstant, jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' distribuzzjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29, att li jsir qabel it-twettiq ta' bejgħ ta' xogħol jew ta' kopja ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur, imwettaq mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt u bl-għan li jsir tali bejgħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punt 28).

27 Għalkemm it-twettiq tal-bejgħ ma huwiex element neċessarju għall-karatterizzazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' distribuzzjoni, għandu madankollu jiġi ppruvat, għal dan il-għan, li l-merkanzija kkonċernata hija effettivament intiża għad-distribuzzjoni lill-pubbliku mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt, b'mod partikolari billi tiġi offruta għall-bejgħ, fi Stat Membru fejn ix-xogħol inkwistjoni huwa protett (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Dimensione Direct Sales u Labianca, C-516/13, EU:C:2015:315, punti 29 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Fil-kawża prinċipali, I. Syed kien jaħżen il-merkanzija li fuqha kienu twaħħlu disinni protetti mid-drittijiet tal-awtur u kien ibiegħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detenturi ta' dawn id-drittijiet, merkanzija identika f'ħanut.

29 Għandu jiġi ddeterminat jekk tali ħżin jistax jitqies bħala att li jsir qabel it-twettiq ta' bejgħ li jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-ħżin ta' merkanzija li fuqha jitwaħħlu disinni protetti mid-drittijiet tal-awtur jista' jitqies bħala tali att jekk jintwera li din il-merkanzija hija effettivament intiża għall-bejgħ lill-pubbliku mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

31 F'dan ir-rigward, il-fatt li persuna, li tbiegħ f'ħanut merkanzija li fuqha jitwaħħlu disinni protetti mid-drittijiet tal-awtur mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt, taħżen merkanzija identika, jista' jikkostitwixxi indizju li juri li l-merkanzija maħżuna hija wkoll intiża għall-bejgħ f'dan il-ħanut u, għaldaqstant, li dan il-ħżin jista' jikkostitwixxi att li jsir qabel it-twettiq ta' bejgħ u li jista' jippreġudika d-dritt ta' distribuzzjoni ta' dan id-detentur.

32 Madankollu, ma jistax jiġi dedott mis-sempliċi konstatazzjoni li l-merkanzija maħżuna u l-merkanzija mibjugħa fil-ħanut tal-persuna kkonċernata huma identiċi, li l-ħżin jikkostitwixxi att li jitwettaq bil-għan li jsir bejgħ fit-territorju tal-Istat Membru li fih l-imsemmija merkanzija hija protetta mid-drittijiet tal-awtur.

33 Ma jistax jiġi eskluż li l-merkanzija kollha jew parti minnha maħżuna f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tkunx intiża għall-bejgħ fit-territorju tal-Istat Membru li fih ix-xogħol imwaħħal fuq din il-merkanzija huwa protett, anki jekk din il-merkanzija tkun identika għal dik offruta għall-bejgħ fil-ħanut tan-negozjant.

34 Issa, f'tali każ, approċċ bħal dak espost fil-punt 32 ta' din is-sentenza jwassal sabiex ma tittiħidx inkunsiderazzjoni d-destinazzjoni effettiva tal-merkanzija inkwistjoni u sabiex il-merkanzija kollha maħżuna tiġi ttrattata mingħajr distinzjoni, minkejja li din jista' jkollha, bħala prinċipju, destinazzjoni differenti.

35 Tali approċċ iwassal għalhekk sabiex jestendi l-protezzjoni mogħtija mid-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni lil hinn mill-qafas stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

36 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-provi li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, jekk il-merkanzija kollha identika għal dik li kienet tinbiegħ fil-ħanut inkwistjoni, jew parti biss minn din il-merkanzija, kinitx intiża għall-kummerċjalizzazzjoni f'dan il-ħanut.

37 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa utli li tipprovdi l-informazzjoni li ġejja.

38 Għal dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-merkanzija inkwistjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li juru li l-merkanzija kkonċernata ġiet maħżuna bil-għan li tinbiegħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu d-disinni mwaħħla fuq il-merkanzija huma protetti mid-drittijiet tal-awtur mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt.

39 Għalkemm, fost dawn l-elementi, id-distanza bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-bejgħ tista' tikkostitwixxi indizju sabiex jiġi stabbilit li l-merkanzija kkonċernata hija intiża għall-bejgħ f'dan il-post tal-bejgħ, dan l-indizju waħdu ma jistax ikun deċiżiv. Dan jista', madankollu, jittieħed inkunsiderazzjoni f'analiżi konkreta tal-elementi kollha li jistgħu jkunu rilevanti, bħal, b'mod partikolari, il-fatt li l-ħanut jiġi regolarment fornut b'merkanzija mill-imħażen inkwistjoni, elementi ta' kontabbiltà, il-volum ta' bejgħ u ta' ordnijiet meta mqabbla mal-volum ta' merkanzija maħżuna, jew ukoll il-kuntratti ta' bejgħ attwali.

40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħżin minn negozjant ta' merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett mid-drittijiet tal-awtur fit-territorju tal-Istat Membru ta' ħżin jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt, kif iddefinit minn din id-dispożizzjoni, meta dan in-negozjant joffri għall-bejgħ f'ħanut, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur ta' dawn id-drittijiet tal-awtur, merkanzija identika għal dik li huwa jaħżen, bil-kundizzjoni li l-prodotti maħżuna huma effettivament intiżi għall-bejgħ fit-territorju tal-Istat Membru fejn dan id-disinn huwa protett. Id-distanza bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-bejgħ ma tistax, waħedha, tikkostitwixxi element deċiżiv sabiex jiġi stabbilit jekk il-merkanzija maħżuna hijiex intiża għall-bejgħ fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

**Fuq l-ispejjeż**

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħżin minn negozjant ta' merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett mid-drittijiet tal-awtur fit-territorju tal-Istat Membru ta' ħżin jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tad-detentur ta' dan id-dritt, kif iddefinit minn din id-dispożizzjoni, meta dan in-negozjant joffri għall-bejgħ f'ħanut, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur ta' dawn id-drittijiet tal-awtur, merkanzija identika għal dik li huwa jaħżen, bil-kundizzjoni li l-prodotti maħżuna huma effettivament intiżi għall-bejgħ fit-territorju tal-Istat Membru fejn dan id-disinn huwa protett. Id-distanza bejn il-post tal-ħżin u l-post tal-bejgħ ma tistax, waħedha, tikkostitwixxi element deċiżiv sabiex jiġi stabbilit jekk il-merkanzija maħżuna hijiex intiża għall-bejgħ fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.**

Firem